

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) WV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 352, 1.10.2018.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tad-29 ta' Jannar 2020 – WV vs SEAE

(Kawża T-471/18) (¹)

("Rikors għal annullament – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Somma miżmuma fir-rigward tar-remunerazzjoni – Assenzi mhux iġġustifikati – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Ksur tar-rekwiżiti proċedurali – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt")

(2020/C 103/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: WV (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenut: Service européen pour l'action extérieure (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spac, aġenti)

Suġġett

Talba skont l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħħa, tad-deċiżjoni tas-SEAE tas-27 ta' Novembru 2017 li tordna ż-żamma ta' somma fir-rigward tar-remunerazzjoni fir-rigward ta' 72 jum u, min-naħħa l-oħra, sa fejn ikun hemm bżonn, tad-deċiżjoni tas-SEAE tat-2 ta' Mejju 2018 li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti mressaq fit-3 ta' Jannar 2018.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt.
- 2) WV għandha tbat l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 364, 8.10.2018.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-31 ta' Jannar 2020 – Irish Wind Farmers' Association et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-6/19) (¹)

("Rikors għal annullament – Għajnuna mill-Istat – Vantaġġi fiskali mogħtija mill-Irlanda lill-produtturi ta' karburanti fossili – Ittra tal-Kummissjoni – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà")

(2020/C 103/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Irish Wind Farmers' Association Clg (Kilkenny, l-Irlanda), Carrons Windfarm Ltd (Shanagolden, l-Irlanda), Foyle Windfarm Ltd (Dublin, l-Irlanda), Greenoge Windfarm Ltd (Bunclody, l-Irlanda) (rappreżentanti: M. Segura Catalán u M. Clayton,)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Grønfeldt, K. Herrmann u S. Noë, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-allegata ghajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Irlanda favur proġetti ta' karburanti fossili.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 93,11.3.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tad-29 ta' Jannar 2020 – WV vs SEAE

(Kawża T-43/19) (¹)

(“Rikors għal kumpens – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Tardivit – Inammissibbiltà”)

(2020/C 103/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: WV (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenut: Service européen pour l'action extérieure (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spac, aġenti)

Suġġett

Talba skont l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE tat-28 ta' Marzu 2018 li tiċħad it-talba għal kumpens tar-rikorrenti kif ukoll, sa fejn ikun hemm bżonn, tad-deċiżjoni tas-SEAE tas-26 ta' Ottubru 2018 li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti mressaq fis-26 ta' Ġunju 2018 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba l-aġiri tas-SEAE fir-rigward tagħha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) WV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 103, 18.3.2019.